**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 582/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**Joseph Bongailas**

**Illum 16 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Joseph Bongailas ta' sebgħa u tletin (37) sena, iben Joseph Mary u Josephine neè Grima, imwieled il-Pietà fl-14 ta' Frar 1982, residenti fil-fond Nru.63, Triq Barth, Ħamrun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 8483(M), talli nhar l-1 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-Fgura u diversi partijiet tal-gżejjer Maltin:

1. Ikkaġuna lil missieru Joseph Mary Bongailas biża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222, b'użu ta' arma, meta huwa kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1), 251H(a),(g),(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U talli nhar l-1 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 19:30hrs ġewwa l-Fgura:

2. Ħebb kontra Joseph Mary Bongailas sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Inġurja, hedded bi kliem jew b'mod ieħor li mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk ikun provokat lil Joseph Mary Bongailas jew inġurja b'mod li joħroġ 'l barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli rredna ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Joseph Bongailas a benefiċċju ta' Joseph Mary Bongailas u l-familjari tiegħu u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat u ghall-fini li tipprovdi għall-persuni ta' Joseph Mary Bongailas u l-familjari tiegħu u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, torbot lil Joseph Bongailas b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena stabbilita mill-Liġi, tordna lil Joseph Bongailas sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 7 sa' 36 tal-proċess, inkluż il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga 'jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a benefiċċju ta' Joseph Mary Bongailas maħruġ fil-11 ta' Novembru 2020;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-1 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-Fgura u diversi partijiet tal-gżejjer Maltin: (1) ikkaġuna lil missieru Joseph Mary Bongailas biża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa

subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222, b'użu ta' arma, meta huwa kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur ta' l-Artikoli 251B(1), 251H(a),(g),(i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; U talli nhar l-1 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' 19:30hrs ġewwa l-Fgura: (2) ħebb kontra Joseph Mary Bongailas sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara b'xi mod, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) inġurja, hedded bi kliem jew b'mod ieħor li mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk ikun provokat lil Joseph Mary Bongailas jew inġurja b'mod li joħroġ 'l barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) u aktar talli rredna ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Għalkemm għall-ewwel l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi akkużat l-imputat u li ġew ammessi minnu, iżda ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li huwa rreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant wara li ra u kkunsidrat l-Artikoli 31, 49, 251B(1), 251H(a),(b),(g),(i), 339(1)(d),(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu tikkundannah għall-perijodi ta' sentejn (2) priġunerija iżda, peress illi fil-fehma tal-Qorti hemm ċirkostanzi tali, fosthom il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri, li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost għall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 251D(3) u ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat a benefiċċju ta' Joseph Mary Bongailas għall-perijodu ta' erba' (4) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni datat 16 ta' Novembru 2020, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u b'hekk jifforma parti minnha. Dan l-Ordni ta' Protezzjoni għandu b'hekk jissostitwixxi l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-11 ta' Novembru 2020;

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni datat 16 ta' Novembru 2020 jiġu komunikati lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Joseph Mary Bongailas, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitt Euro (€100) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kisr il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitt Euro (€100) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-aħħar talba tal-Prosekuzzjoni dedotti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**